Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 56**
**Tlieta 29 ta' Awissu**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi :  Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Romina Galea :  Viċi Sindku
Maurice Agius :  Kunsillier
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

56.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Renald Camilleri. Il-kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

56.2.01 Il-minuti tas-seduta L8-54 ittieħdu bħala moqrija.
Saret korrezzjoni fil- minuti 55.4.08 u 55.5.01 u miżjuda il-minuta 55.4.17
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

56.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda komunikazzjoni dwar il-premju Anzjanità Attiva 2023 fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li n-nominazzjonijiet jagħlqu fil-31 t'Awwissu u saqsiet lill kunsilliera preżenti jekk għandhomx lill xi persuna li jixtiequ jinnominaw.
Is-Sur Jean Claude Borg ppropona lis-Sna Doris Pace li kienet nominata għal Ġieh L-Imsida minħabba li hija persuna anzjana attiva fil-komunità.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota filwaqt u għarraf lis-Sur Jean Claude Borg sabiex jiġbor il-formola biex jikteb il-motivazzjoni b'deskrizzjoni dettaljata tal-benefiċċji mill- ħidma, tal-persuna nominata.

56.30.2 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda komunikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali Lvant dwar Social Impact Assessment u Focus Groups liema informazzjoni ġa integrat ukoll lill kunsilliera. Hawn fakkret li s-sessjoni mal-kunsilliera se ssir nhar il-Ħamis 5 t'Ottubru 2023 u min hu interessat għandu jikkomunika direttament kif indikat.

56.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kommunikazzjoni dwar seminar bl-isem - 'Clean Localities - Our Shared Responsability' li r-Regjun Lvant qed jorganizza għal nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ottubru 2023. Għal dawk nteressat li jattendu aktar il-quddiem se tintbagħat komunikazzjoni b'dettalji oħra sabiex ikunu jistgħu jikkonfermaw l-attendenza.

56.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kommunikazzjoni dwar stedina mil-Kunsill Reġjonali Lvant, għat-tnedija uffiċjali tal-proġett bit-titlu – Regional Treasure Hunt li ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 6 t'Ottubru 2023, fis-sebgħa ta' filgħaxija ġewwa Misraħ Ninu Cremona, L-Iklin. Għalhekk dawk interessati huma mitluba żżommu din id-data libera sabiex jattendu.

56.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Ċirkulari 15 tal-2023 - dwar is-seduta Parlamentari taż-żgħażagħ u tkellmet dwar komunikazzjoni mibgħuta lill kunsilliera datata 21 Awissu 2023 sabiex tfakkar li nominazzjonijiet kienu se jagħlqu nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2023 u biex tipproponi li jkun nominat is-sur Zack Esmail li kien fil-kunsill ta' żgħażagħ, kif ukoll kien Sindku tal-istess kunsill fejn kien partecipi ħafna. Hawn infurmat lill kunsilleri preżenti li l-persuna msemmija ġiet innominata.

56.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-konferenza stampa li saret it-Tnejn 28 ta'Awissu fejn saret preżentazzjoni li tiddeskrivi l-programm preliminarju ta' attivitajiet għall-inizjattiva relatata mar- Reġjun tal-Kultura 2024 u fejn ġie iffirmat ukoll il-kuntratt bejn il-kunsill Reġjonali Lvant mal-SPI. Hawn spjegat li aktar il'quddiem għandhom jitwasslu aktar dettalji dwar il-preżentazzjoni li huwa mfassal mal-istrateġija kulturali li kien nieda l-istess Reġjun f'Diċembru ta' 2022.

56.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal minuti 53.5.23 dwar il-proposta relatata ma' programm t'attivitajiet għal European Week of Sport b' ħsieb li tingħalaq it- triq ta' fejn il-knisja għal-attività u l-alternattiva diskussa għal *car free day* sabiex ssir applikazzjoni meta Transport Malta tniedi l-Iskema ta' fondi għal European Mobility Week li tiġi għal ħabta ta' nofs Settembru. Hawn infurmat lill kunsilliera preżenti li fil-mument kif kien diskuss il-kunsill qed jipprepara applikazzjoni holistika li tagħlaq fil-31 ta 'Awissu bil-ħsieb li jirnexxi l-iskop ta 'żewġt għanijiet pjanata li jistgħu jseħħu nhar it-22 ta 'Settembru .Għalhekk ġa saru xi laqgħat mal-pulizija kif ukoll ma' Transport Malta f'rigward ta' proposti għal immaniġġjar ta' traffiku b'direzzjoni alternattiva minn Xatt Ta' Xbiex għal Belt Valletta.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied bi spjega dwar immaniġġjar ta' traffiku propost għal kunsiderazzjoni ta' TM filwaqt li s-Sur Nicholas J Chircop tkellem dwar komunikazzjoni mal-Be Active

56.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal minuti 54.4.03 dwar SPI/SCI/03/2023 fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni sabiex ssir tindif tal-baħar go daħla tal-Imsida ġiet approvata.
Is-sur Maurice Agius staqsa meta u x'ħin se ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ħsieb fl-applikazzjoni kien għal 15 ta 'Settembru iżda din u anke il-ħin għad irid jkun konfermat mill-NGO li se jġib l-għaddasa.

56.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Ċirkulari AKL 2023/075 dwar laqgħa għal Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li dik għal Malta se ssir fl-04 ta 'Settembru fis 6:30 p.m fl-uffiċji tal-assoċjazzjoni u li se tattendi għalija flimkien mas-sur Emanuel Brincat u Segretarju Eżekuttiv.

Is-sur Maurice Agius qal li jaqbel li għandu jkun hemm parkeġġi residenzjali go l-Imsida.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li mhux se taqbad u tagħmel kullimkien parkeġġi residenzjali apparti li l-ewwel trid tara eżatt x'se jintqal waqt din il-laqgħa imbagħad il-kunsill irid jimxi ma' dak li hemm.
Qamet diskussjoni qasira dwar fejn dawn jistgħu jsiru b'mod speċjali fejn hemm zoni fejn ġew okkupati minn bosta vetturi ta' kumpaniji kummerċjali.

**56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

56.4.01 B'referenza għal minuti 55.3.02, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-programm ta 'attivitajiet għal Sajf fil-Pjazza li ġie fi tmiem tiegħu fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li minħabba raġunijiet li ma' kienx hemm kontroll fuqhom dak ta' Freddie Portelli fis-26 ta 'Awissu tħassar. Tkellmet ukoll dwar il-preparamenti għas- serata multi kulturali fit-2 ta'Settembru fejn ġew mistiedna L-Eċċellenza President Emeritus Marie Louise Coleiro, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza Rebecca Buttigieg, l-Onorevoli Membru Parlamentari kelliema għal Oppożizzjoni dwar l-Ugwaljanza Graziella Attard Previ flimkien ma' bosta ambaxxaturi jew kummissarji għolja għal pajjiżi minn fejn ġejjin il-komunitajiet li se jipparteċipaw.

56.4.02 B' referenza għal minuti 54.4.04, Is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bollards li ġie mitlub biex jsiru go Triq il- Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma' kien hemm xejn mingħand l-IM ma dan żied li min naħa tiegħu bagħat xi ritratti lill perit inkarigat li wera wkoll lill kunsilliera preżenti sabiex ssir l-użu ta' bollards bħal ma saru go *cycle lane* f' Triq Żabbar għal M' Skala.

56.4.03 B'referenza għal minuti 55.4.05, dwar il-bollards li-ntalbu lura minn għand l-għaqda tad-dgħajjes, sar kuntatt ieħor mar-rappreżentant li spjega li dawn jinsabu maħżuna go garaxx li għandu problema li ma jistax jagħmel aċċess fih minħabba ħsara go shutter li ma jistax jinfetaħ u għadu qed jistenna mingħand ħaddieħor sabiex jissewwa.
Is-sur Maurice Agius staqsa dwar stima għal- bollards teleskopic u manwali li jinżlu ġol art.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bosta aġenti m'għandhomx bollards teleskopic manwali li jinżlu ġol art filwaqt li unika stima li waslet hija għal simili iżda elettroniċi b'ispiża kbira.

Is-sur Emanuel Brincat issuġġerixxa biex jitqabbad il-kuntrattur ħa jieħu minn dawk li hemm fil-pjazza li fil-fatt issa qegħdin hemm bla skop, barra li se jkunu xorta żarmata minħabba li se jsir il-proġett tal-Imsida Creek.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

56.4.04 B'referenza għal minuti 54.4.06, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa meta se jkun lest ix-xogħol tal-IM u l-WSC go Triq Clarence,

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li suppost l-aħħar parti bejn Triq il-Baċir sa Qrejten għanda tkun lesta lejn l-aħħar ta 'Settembru.

56.4.05 B'referenza għal minuti 54.5.07, Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar ix-xogħol tal-kulverts mill- MPWD li wasal biex ikun lest fejn il-WSC ġa qed tħejji sabiex jingħata bidu għax-xogħol tat-tarmak.

Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar it-tabelli għal No parking sabiex ikun żgurat li dawn qed issiru fuq in-naħa tal promenade, minħabba li kien hemm minn waqaf u ħoloq problema ta' traffiku b'iskuża għax ma' kienx hemm tabelli.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar ix-xogħol li għaddej u tħassib li kien qed jasal għand il-kunsill Lokali minn residenti jew sidien t'attivitajiet kummerċjali li jinsabu bejn Triq Nazju Falzon sa Triq Antonio Bosio u parti oħra bejn Triq Antonio Sciortino u Triq Abate Rigord fejn ma' sarux il-kulverts. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li fl-aħħar jiem u matul il-ġurnata il-kunsill ħa' ħsieb jikteb lill MPWD u l-ministeru sabiex tingħata kjarifika għal bosta mistoqsijiet li qed issiru permezz ta' risposta teknika bil-miktub għala ma' kienx hemm bżonn ta' intervent fil-partijiet msemmija. Tkellmet ukoll dwar komunikazzjoni għall artiklu f'Times dwar meta se tkun lesta it-triq

56.4.06 B'referenza għal minuti 55.4.09, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li Ir-road hump għan-naħa t'isfel go triq Dun Andre ġiet ordnata.

56.4.07 B'referenza għal minuti 55.4.10, saret verifika dwar il-parkeġġ li hemm ħdejn waħda mill-bollards fi Triq Monsinjur Falzon ħdejn iz-zuntier fejn ġie osservat li b' ftit attenzjoni tista' tiftaħ bieba tal-karozza. Ix-xogħol l-ieħor għad rrid ssir mill- kuntrattur mal-ewwel ċans li jkollu waqt li il-keep clear se ssir mill-ħaddiema.

Is-sur Maurice Agius qal li din hemm bżonn ssir mill- aktar fis għax m'jistax ikun li dan jibqa' jagħmel li jrid u ħadd m'jagħmel xejn.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li l-kunsill qed jieħu ħsieb iżda fil-mument l-kuntrattur għandu xogħol ieħor x'jagħmel li mhux tal-kunsill u ma' jistax jaqbad u jitlaq minn idejh qabel ma' jkun lest dan.

56.4.08 B'referenza għal minuti 55.4.11, f' rigward tal-pulizija fil-komunità go l-Imsida, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa nhar il-Ħamis 17 ta 'Awissu mal-ispettur Gatt fejn il-kunsill ġie nfurmat li t-team tal-pulizija se jkun qed jiġi assenjati sa l-aħħar ta' Awissu filwaqt li meta jkun lest it-taħriġ meħtieġ għal l-aħħar ta' Settembru se jibda s-servizz mal-lokal. Ġew diskussi ukoll l-arranġament għal kamra sabiex ikun hemm uffiċju fil- bini amministrattiv. B'referenza għal minuti 54.4.13, Waqt l-stess laqgħa ġiet ukoll diskussa L.S.363.222 fejn jingħata tagħrif dwar il-pjan tal-kunsill li jeħlu tabelli relatati go numru ta 'zoni meqjusa bħala hotspot. Għalhekk il-pulizija talbu li kif dan jseħħ għanda tingħata l-informazzjoni dwar iz-zoni fejn pproponew ukoll li bħal fejn hemm byelaws simili l-avviż obbligatorju li jrid jidher ġol ħwienet jkun fuq sticker li se jibgħatu kampjun bħalhom.

B'referenza għal L.S.363.222, is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar meta residenti jagħmlu kuntatt mal-għassa fejn spjega li skond dak li jgħidu l-istess residenti t-tweġiba tkun li l-pulizija ma' tafx li hemm il-Bye law għalhekk qed jitlob sabiex tintalab informazzjoni minn għand il-pulizija dwar kemm ħarġu ċitazzjonijiet relatata minn kemm ilha fis-seħħ.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li waqt il-laqgħa mal - pulizija fil-komunità nġibdet l-attenzjoni dwar dan il-fatt għalhekk is-suġġett ġie diskuss sew kif deskritt fil-minuti 55.4.11.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jiġu bosta nies bl-argumenti meta jieħdu xi ċitazzjoni dwar ħaġa jew oħra iżda sal-ġurnata ħadd ma' ġie dwar is-suġġett u wisq probabbli ir-risposta tkun ta' xejn. Hawn spjega li għal din l-informazzjoni jrid jikteb lill LESA.

56.4.09 B'referenza għal minuti 55.4.12, Is-sur Maurice Agius staqsa dwar risposta mill-IM jew xi ħadd mill-partijiet kolla involuti dwar meta se jibda ix-xogħol fil-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-affarijiet għadhom l-istess bħas-seduta preċedenti.

56.4.10 B'referenza għal minuti 55.4.16, is-sur Maurice Agius tkellem dwar id-dgħajsa li kien hemm fuq il-promenade u staqsa jekk din kienx hemm kuntatt mas-sid.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sar kuntatt u tkellem mas-sid kif suppost u xieraq.

56.4.11 B'referenza għal minuti 54.5.07, is-sur Maurice Agius tkellem dwar id-dgħajsa li issa ilha bosta ġimgħat fuq l-iskall aktar milli kien permess minkejja li s-sid kellu ċans u anke tnaqqis mill- penali mposta sakemm din tinżel sa meta talbu jagħmel hekk il-kunsill. Hawn staqsa jekk hux magħruf meta se jagħmel dan u jawgura li ma jkunx hemm xi talba għal tnaqqis ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa qed jipprepara ittra uffiċjali oħra sabiex dan is-sid jagħmel il-ħlas dovut u id-dgħajsa tinżel minn fuq l-iskall. Spjega ukoll li ġa tkellem mar-rappreżentanti tal-għaqda ta' dgħajjes fejn ta'struzzjonijiet li għal ebda raġuni m'għandhom jiftħu l-bollards għal din id-dgħajsa sakemm is-sid jagħmel l-ħlas kollu dovut mill l-ewwel ġurnata wara l-iskadenza tal-permess u mingħajr l-ebda tnaqqis.

**56.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

56.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poggiet fuq il-mejda talba mingħand l-Għaqda Melita San Guzepp biex jingħata permess li ssir majalata go Misraħ San Guzepp fuq quddiem nhar l-20 ta' Settembru.

B'dikjarazzjoni ta' konflitt ta' interess mil-kunsilliera Jean Claude Borg u Nicholas J Chircop, saret diskussjoni bejn il-kunsilliera l' oħra preżenti dwar it-tgawdija tal-pjazza minħabba li din tista' tkun l-aħħar sena qabel ma'jibda ix-xogħol tal-Imsida Creek. Is-sur Charles Selvaggi qajjem riservi tiegħu fuq preċedenti filwaqt li is-sur Maurice Agius qal li se jastjeni. Ġie propost li għandhom jiġu imposti numru ta' kundizzjonijiet fosthom li rrid ssir il-plastik mal-art fejn se jsir it- tisjir, li ma jistax ssir fuq u għandu jkun biss fil-parti t'isfel mal-kamra tal-ġostra. Wara għandu jkun żgurat li jsir it-tindif inkluż ħasil kif suppost. Għalhekk l-ewwel għanda tintbagħat email lis-segretarju tal-għaqda biex ikun mgħarraf b'dawn il-kundizzjonijiet imbagħad jekk jaċċetta jinħareġ il-permess.

56.5.02 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar zoni fejn li għandhom bżonn t'attenzjoni f'rigward ta 'żbir fosthom go Triq tas-Sisla f' Swatar, bejn Triq Achille Ferris u Mikiel Anton Vassalli u li hemm bejn Triq il- Ħarrub lejn Ġemma Portelli go L-Imsida.Tkellem ukoll sabiex ssir tabella tal-merħba min fejn il-konfini ma' B'Kara go central strip fi Triq is-Swatar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li apparti dik ta' Triq tas-Sisla jidher li iż-żewġt zoni l-oħra fil-mument ma' hemm ħadd li qed jieħu ħsieb għalhekk se jivverifika sew u għal bżonn jidħlu f'sejħa li jmiss għal tender ġdid f' Novembru. Għalhekk fil-mument sakemm jasal iż-żmien se jitlob lill kuntrattur sabiex ssir żbir hu tindif fejn hemm bżonn.

Is-sur Alfred Farrugia ħa' nota

Is-sur Jean Claude Borg tkellem dwar manutenzjoni fuq  it-tabella tal-merħba li hemm go Triq D'Argens għax ħadet xi daqqa.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ġa avżat lill kumpanija li tieħu ħsieb dwar it-tabella ta' Rue'D'Argen, filwaqt li se tkellmu dwar il-proposta għal waħda gdida go Swatar.

56.5.03 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar ħsara f' dawl go Triq Oscar Zammit li jidher trid l-intervent tal-Enemalta iżda qed ikun hemm dewmien esaġerat sabiex dan ssir.

Is-sur Emanuel Brincat staqsa dwar id-dettalji tal-ħsara msemmija f'Oscar Zammit sabiex jivverifika mal-Enemalta.

56.5.04 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-kompetizzjonijiet li jsiru għal Miss Malta jew simili u staqsa jekk il-persuna li tkun qed tirrapreżenta il-lokal tkunx approvata mill-kunsill.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet l-kunsilli lokali m'għandhomx x'jaqsmu ma' kompetizzjonijiet bħal dawn u lanqas mal-għażla / nomina tal-Miss Lokali.

56.5.05 Is-sur Maurice Agius tkellem dwar fanal ta'dawl li kien ġie żarmat f' Triq Princess Margaret minħabba żvilupp li issa huwa lest u staqsa jekk dan hux se jeħel lura fejn kien .

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-mument il-kunsill lokali qed jivverifika dwar il-lampa li suppost marret fuq arblu għalhekk ġa sar kuntatt u kellem lis-sid il-binja fejn ġie spjegat lilu li din trid targa teħel fejn kienet.

56.5.06 Is-sur Maurice Agius tkellem dwar l-ilma tal-AC u staqsa ma' min rrid ssir rapport meta id-drain tiegħu ikun qed jarmi dirett fuq il-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li meta jaslu rapporti bħal dawn jingħadda kollox għal attenzjoni tal-pulizija u l-awtorità għal ippjanar.

56.5.07 Is-Sur Alfred Farrugia ghamel referenza ghall minuti 55.5.01 dwar xoghol b'lura li mhux se joqghod jerga jirrepeti

Mizjuda: < 56.5.07>

**56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma' kienx hemm rapporti.

**56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

56.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-56 ta' ħlasijiet bejn s-26 ta' Lulju 2023 u d-29 ta 'Awissu 2023.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-sur Nicholas J Chircop.

**56.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

56.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis 7:05 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 26 ta' Settembru fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 26 ta' Settembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |